Toqgħod taħseb ftit, tixtieq li **R.B.F.** kienet tgħodd wisq anqas milli tgħodd illum sabiex tkun tista' tintefa' għall-kitba bil-Malti aktar milli għamlet fl-imgħoddi. Igħaddilek ħsieb illi kieku reqmet il-kitba tagħha bil-Malti u tefgħet għaqalha aktar milli tat fil-bini tal-vers Taljan, aktarx R.B.F. kien ikollha llum isimha mħażżeż mal-qawra tal-poeti Maltin. Li kieku u li kellu jkun, issa tar u mar! Wara kollox R.B.F. għexet l-aqwa ta' ħajjitha fi żmien meta l-kittieba Maltin fl-aħħar tal-aħħar irnexxielhom jinġemgħu f'għaqda li kellha tieħu ħsieb issawwar ortografija waħda mibnija fuq sisien xierqa! Dan kollu fisser il-bidu ta' żmien li tistenna miegħu bidla. Beda jżernaq żmien meta l-Malti beda jsib aktar ħbieb minn qabel. Fost il-ħbieb ġodda tista' tgħodd lil **R.B.F.** illi fissret din il-ħbiberija billi tikteb bil-Malti, kif dehrilha l-aħjar u kif fehmet l-aħjar. Hekk kisret, riedet jew ma riditx, it-tifsila tat-tagħlim li ħadet f'żgħożitha.

It-tama tiegħi hi fis-snin li għad iridu jiġu; snin li ma jmisshomx jixhdu Maltin jissieltu biex jiksbu l-ħelsien ħalli jfissru ruħhom bil-Malti. Jeħtieġ li s-snin li ġejjin isarrfu mitqilhom deheb għall-kultura Maltija. Jekk dan ma jseħħx, ifisser firda bejn Malti u ieħor. F'idejn il-kittieba żgħażagħ jifhmu lilhom infushom u jrawmu ħmira letterarja sħiħa. Ix-xjuħ, min ftit min ħafna u kif jafu, taw sehemhom. Mhux biss xieraq niftaqdu x'wettqu huma, u nibnu fuq għemilhom; fuq kollox jeħtieġ nimxu 'l quddiem.

# IŻ-ŻEWĠ ARLOĠĠI

*Ta' Ġ. CARDONA*

*Lil Dr. Ninu Cremona b'Ħajr*

Min dar ħabibi,
F'din il-Belt Għawdxija
Fejn ngħaddi xi jumejn bit-tjieba tiegħu,
Nisma' sikwit
Fil-ħemda sħuna ta' l-iljiel sajfija,
Ta' wara nofs in-nhar jisreġ, lubieni,
Iż-żewġ arloġġi ħbieb:
Ta' San Franġisk
U tal-Kastell,
Iwennsu l-Belt,
U f'lanja ħelwa,



F'nieqa ta' fwar xaħxieħ,
Ibennu kull maħluq bit-tokki tagħhom.

U mil-Lukanda wkoll,
Smajthom bla heda,
Ngħasi jtajruli...
Ngħas ħafif bla sedqa,
Meta fis-sajf mal-Professur
U ma' l-istudjużi Ingliżi
Għamilna f'Għawdex l-istaħriġ f'Ilsienna.

Smajthom f'kull żjara:
U berren ġewwa moħħi
Il-ħsieb ta' l-għaqda, illi hemm bejniethom:
Qatt ma jitlewmu,
Qatt ma jkollhom piki
Għad-dritta, għax quddiem jew għax it-tieni;
Jafu li l-ħajja ftit troddilna sliema...
U l-hena
Li kultant mill-krib nisiltu,
Ma jaqbel qatt
Bil-biki u bl-għelt immarru.

Ħbieb tabilħaqq,
L-arloġġ ta' S. Franġisk
U tal-Kastell!
Għaqlija:
Għax meta wieħed ftit għajjien
Jistennieh l-ieħor ftit waqtiet bla lewma,
Bħal donnu jrid iwieżnu...
U hekk fil-ħidma tul is-snin li tkiddhom,
Ix-xogħ'l iħeff
U jħennu għal xulxin.

U l-akbar hena tagħhom
Meta bla għira, l-ilħna sbieħ jitwaħħdu
U jdoqqu għalenija
F'armonija ħelwa:
Għax aħwa lkoll
U bl-imħabbiet intaffu
**TAL-ĦAJJA D-DIQA!**

18 ta' Lulju, 1965